

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

RAPPORT DWAR IT-TMEXXIJA TAL-BAĠIT U TAL-FINANZI GĦAS-SENA 2010

(2011/C 154/01)

WERREJ

	Paġna
Rapport fuq it-tmexxija tal-baġit u tal-finanzi għas-sena 2010	
1. Daħla	2
2. Ħarsa globali lejn l-implementazzjoni tal-baġit għas-sena 2010	2
3. Implementazzjoni tal-baġit għas-sena 2010 skont il-kapitolu	5
Annessi	
Anness I: Paragun skont il-kapitolu tal-implementazzjoni tad-dħul tal-2010 mad-dħul tal-2009	12
Anness II: Sitwazzjoni tad-dħul tal-2010 – Drittijiet ikkonstatati u drittijiet imressqa 'l quddiem	13
Anness III: Paragun skont il-kapitolu tal-implementazzjoni tal-approprijazzjonijiet tal-2010 mal-approprijazzjonijiet tal-2009	15
Anness IV: Dettall tal-implementazzjoni tal-approprijazzjonijiet tal-2010 (approprijazzjonijiet għas-sena 2010 u approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem awtomatikament mis-sena preċedenti)	16
Anness V: Użu tad-dħul allokati fl-2010	23
Anness VI: Trasferimenti tal-baġit magħmula fl-2010 fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju	24

Rapport fuq it-tmexxija tal-baġit u tal-finanzi għas-sena 2010

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

1. DAĦLA

Dan ir-rapport li, skont l-Artikolu 1 2 2 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 1 8 5 tar-Regoli għall-implementazzjoni, imur mal-kontabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2010, jagħti rendikont b'mod partikolari tar-rata ta' implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet. Bl-istess mod, jipprovdi informazzjoni fil-qosor fuq it-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet bejn id-diversi punti tal-baġit imwettqa matul is-sena 2010.

Il-Kapitolu 2 ta' dan ir-rapport jagħti evalwazzjoni globali tal-implementazzjoni tal-baġit fl-2010 u l-Kapitolu 3 jeżamina iktar fid-dettall l-iżvilupp tal-intestaturi tal-baġit għal kull kapitolu. Fl-aħħar nett, l-annessi jipprovdu tabelli b'ċifri dwar l-istess implementazzjoni tal-baġit għas-sena 2010.

Għal dak li jikkonċerna l-attività għudizzjarja nnifisha, il-qarrej huwa mitlub jikkonsulta r-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fuq is-sit internet Curia (<http://curia.europa.eu>) li jipprovdi informazzjoni kif ukoll statistika dettaljata dwar l-attività għudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

2. EVALWAZZJONI GLOBALI TAL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA 2010

2.1. Dħul

Il-previżjonijiet ta' dħul tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2010 kienu jammontaw għal EUR 39 957 000.

Bħal ma turi t-**Tabella 1** hawn taħt, id-drittijiet ikkonstatati għas-sena 2010 kienu jammontaw għal EUR 44 043 087 u jaqbuż l-previżjonijiet b'10,23 % ⁽¹⁾.

Tabella 1

Previżjonijiet ta' dħul u drittijiet ikkonstatati

(EUR)			
Titolu	Previżjoni ta' dħul 2010	Drittijiet ikkonstatati 2010	% tat-total
4. Dħul mill-persuni marbuta mal-istituzzjonijiet u ma' korpi oħra Komunitarji	39 817 000,00	42 959 551,79	97,54
5. Dħul mill-ħidma amministrattiva tal-istituzzjoni	130 000,00	1 072 685,37	2,44
9. Dħul varju	10 000,00	10 850,00	0,02
Total	39 957 000,00	44 043 087,16	100,00
%	100,00 %	110,23 %	

Wieħed josserva li d-dħul-drittijiet ikkonstatati tat-**Titolu 4** (b'mod partikolari tnaqqis mill-pagi tal-Membri u tal-persunal provenjenti mit-taxxa u l-kontribuzzjonijiet soċjali) jirrappreżentaw perċentwali għolja ħafna tad-dħul kollu (97,54 %), filwaqt li d-dħul tat-**Titoli 5 u 9** (b'mod partikolari r-rimbors tan-nefqa ta' kiri ta' parti mill-binjiet T/T bis mill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni, mill-bejgħ tal-pubblikazzjonijiet, ir-rimborsi tat-telekomunikazzjoni u l-prodotti finanzjarji) jirrappreżentaw biss 2,46 % tat-total.

⁽¹⁾ Din il-varjazzjoni tinżel għal 2,16 % jekk wieħed jieħu inkunsiderazzjoni d-dħul allokat li jista' jerġa' jintuża li, skont il-prassi tal-baġit, jiġi ppreżentat bħala "p.m." meta jiġi stabbilit il-baġit inizjali iżda li jittieħed debitament inkunsiderazzjoni f'dan l-istess baġit permezz ta' tnaqqis tal-ispejjeż ikkonċernati fil-punti tal-baġit.

L-**Annessi I u II** jipprovdu informazzjoni supplimentari biċ-ċifri dwar il-proċess tad-dħul kollu (dħul-drittijiet imressqa 'l quddiem, dħul-drittijiet ikkonstatati u dħul-drittijiet miġbura).

Għal dak li jikkonċerna d-dħul fuq id-drittijiet imressqa 'l quddiem għas-sena preċedenti, it-**Tabella II** hawn taħt turi li d-dħul tat-**Titolu 4** jirrappreżenta l-parti l-kbira tat-total tad-dħul fuq id-drittijiet imressqa 'l quddiem miġbura fl-2010 (75,93 %).

Tabella 2

Dħul minn drittijiet imressqa 'il quddiem

(EUR)

Titolu	Dħul tal-2009 imressqa 'il quddiem għall-2010	Dħul minn drittijiet imressqa 'il quddiem	% tat-total
4. Dħul mill-persuni marbuta mal-istituzzjonijiet u korpi oħra Komunitarji	44 048,98	44 048,98	75,93
5. Dħul mill-ħidma amministrattiva tal-istituzzjoni	14 470,35	13 963,59	2,07
9. Dħul varju	0,00	0,00	0,00
Total	58 519,33	58 012,57	100,00
%	100,00 %	99,13 %	

2.2. Nefqa**2.2.1. Approprjazzjonijiet konnessi mas-sena tal-baġit**

L-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropa għas-sena 2010 kienu jammontaw għal EUR 329 300 000.

Kif turi t-**Tabella 3** hawn taħt, l-implementazzjoni tal-baġit tas-sena 2010 tammonta għal EUR 323 784 221,31 u tixhed rata ta' użu tal-approprijazzjonijiet definittivi ta' 98,32 % li baqgħet għolja ħafna, u bħas-sena 2009, hija ogħla minn 98 %.

Wieħed josserva wkoll li, bħal fil-każ tas-snin preċedenti, tliet kwarti tal-baġit implementat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huma allokatu għan-nefqa marbuta mal-Membri u mal-persunal (nefqa tat-**Titolu 1**).

Tabella 3

Użu tal-approprijazzjonijiet konnessi mas-sena tal-baġit

(EUR)

Titolu	Approprjazzjonijiet għas-sena 2010	Użu tal-approprijazzjonijiet għas-sena 2010	% tat-total
1. Persuni marbuta mal-istituzzjoni	248 514 000,00	243 614 674,62	75,24
2. Proprjetà immobbli, għamara, apparat u spejjeż varji operattivi	80 746 000,00	80 149 024,44	24,75
3. Spejjeż ta' missjonijiet speċifiċi tal-istituzzjoni	40 000,00	20 522,25	0,01
1 0. Spejjeż oħra (1)	0	0	—
Total	329 300 000,00	323 784 221,31	100
%	100 %	98,32 %	

(1) Il-Parlament kien inizzjalment warrab, għall-parti l-kbira tal-istituzzjonijiet, 5 % mill-approprijazzjonijiet ta' servizzi esterni fil-qasam lingwistiku fl-istennija tat-tfassil ta' rapport speċifiku fuq il-kollaborazzjoni interistituzzjonali f'dan il-qasam. Din ir-riżerva mwarrba (EUR 485 700 għall-Qorti tal-Ġustizzja) ġiet liberata fil-bidu ta' Lulju 2010.

L-**Annessi III u IV** jipprovdu informazzjoni dettaljata supplimentari b'ċifri, dwar l-użu tal-approprijazzjonijiet għas-sena 2010 (meta mqabbla mal-2009, id-dettalji tal-implementazzjoni tal-intestaturi tal-baġit).

2.2.2. Approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem

It-**tabella 4** hawn taħt turi li l-approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem mis-sena 2009 għas-sena 2010, li jammontaw għal EUR 18 228 846,03, intużaw fil-parti l-kbira tagħhom (84,9 %).

Tabella 4

Użu tal-approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem

(EUR)

Titolu	Approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem mill-2009 għall-2010	Pagamenti fuq approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem	Approprijazzjonijiet li skadew
1. Persuni marbuta mal-istituzzjoni	3 477 044,48	2 910 523,20	566 521,28
2. Proprietà immobbli, għamara, apparat u spejjeż varji operattivi	14 736 301,55	12 559 807,45	2 176 494,10
3. Spejjeż ta' missjonijiet speċifiċi tal-istituzzjoni	15 500,00	6 858,66	8 641,34
10. Spejjeż oħra	0	0	0
Total	18 228 846,03	15 477 189,31	2 751 656,72
%	100 %	84,90 %	15,10 %

L-**Anness IV** jipprovdi informazzjoni dettaljata supplimentari b'ċifri dwar l-użu tal-approprijazzjonijiet imressqa 'l quddiem mis-sena 2009 għas-sena 2010.

2.2.3. Approprijazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul allokati

Għandu jingħad li skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju ċertu dħul jista' jiġi allokati għall-finanzjament ta' nefqa speċifika. Għalhekk, dan id-dħul allokati jirrappreżenta approprijazzjonijiet supplimentari li jistgħu jintużaw mill-istituzzjoni.

It-**Tabella 5** hawn taħt turi d-dettalji għal kull kapitolu tal-ammont ta' dħul allokati minn sena tal-baġit għall-oħra kif ukoll id-dħul allokati ikkonstatati u miġbur matul is-sena tal-baġit.

Tabella 5

Użu tad-dħul allokati

(EUR)

Titolu	Dħul allokati imressaq 'il quddiem mill-2009 sal-2010 (1)	Dħul allokati 2010 (2)	Pagamenti 2010 (3)	Dħul allokati imressaq 'il quddiem mill-2010 għall-2011 (4) = (1) + (2) - (3)
1. Persuni marbuta mal-istituzzjoni	127 481,23	75 531,91	68 604,76	134 408,38
2. Proprietà immobbli, għamara, apparat u spejjeż varji operattivi	1 029 344,18	946 757,78	646 885,81	1 329 216,15
3. Spejjeż ta' missjonijiet speċifiċi tal-istituzzjoni	7 035,25	0,00	5 035,25	2 000,00

(EUR)				
Titolu	Dħul allokati imressaq 'il quddiem mill-2009 sal-2010 (1)	Dħul allokati 2010 (2)	Pagamenti 2010 (3)	Dħul allokati imressaq 'il quddiem mill-2010 għall-2011 (4) = (1) + (2) - (3)
1 0. Spejjeż oħra	0,00	0,00	0,00	0,00
Total	1 163 860,66	1 022 289,69	720 525,82	1 465 624,53

Kif jidher mit-tabella 5, l-appropriazzjonijiet tad-dħul allokati ikkonstatati matul is-sena tal-baġit 2010 ammontaw għal EUR 1 022 289,69, li minnhom madwar 90 % tal-ammont jikkorrispondu għall-elementi li ġejjin:

- rimbors tan-nefqa relatata mal-bini għall-uffiċċji mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' istituzzjonijiet oħra (EUR 594 526);
- dħul mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja bħall-Ġabra tal-ġurisprudenza (EUR 177 030);
- rimbors ta' nfiq fuq telefonati jew posta (EUR 119 106).

L-**Anness V** jipprovdi l-informazzjoni dettaljata supplimentari b'ċifri fuq l-użu tad-dħul allokati.

2.2.4. Trasferimenti ta' appropriazzjonijiet

Matul is-sena 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għamlet sbatax-il trasferiment tal-baġit, bis-saħħa tal-Artikoli 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, għal ammont totali ta' EUR 8 345 278, jiġifieri ammont iżgħar minn dak tal-istess tipi ta' trasferimenti magħmula fl-2009 (EUR 9 345 304).

Skont l-Artikoli 22(2) u 24(4) tar-Regolament Finanzjarju, 7 trasferimenti ta' appropriazzjonijiet ġew ikkomunikati lill-awtorità tal-baġit. Dawn it-trasferimenti jammontaw għal EUR 5 621 700 u jikkorrispondu għall-parti l-kbira (67 %) tal-ammont totali tat-trasferimenti matul is-sena tal-baġit. Fir-rigward tat-**Titolu 1**, l-appropriazzjonijiet provviżorji maħruġa (madwar EUR 3 miljun), ikkontribwew b'mod partikolari għall-ħlas eċċezzjonali ta' arretrati ta' remunerazzjonijiet (li jammontaw għal 1,85 %) li jmorru lura għal Lulju 2009 b'deċiżjoni tal-Kunsill f'Diċembru 2010 wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁽¹⁾. Barra minn hekk, l-appropriazzjonijiet ta' servizzi esterni fil-qasam tat-traduzzjoni ssaħħew b'madwar EUR 1 000 000, biex jiġi ffaċċat il-piż ta' xogħol qawwi li kien jirriżulta miż-żieda fl-attività għudizzjarja tal-istituzzjoni. Fir-rigward tat-**Titolu 2**, ammont ta' kważi EUR 1 000 000 ippermetta li jissaħħu l-ħlasijiet bil-quddiem magħmula fuq il-proġett ta' tiġdid u ta' estensjoni tal-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex titnaqqas in-nefqa futura tal-baġit fil-kuntast tal-kuntratt ta' kera-xiri konkluż mal-awtoritajiet Lussemburġi.

Barra minn hekk, saru 10 trasferimenti bejn l-artikoli, li ma ġewx ikkomunikati lill-awtorità tal-baġit kif previst mill-Artikolu 22(4) tar-Regolament Finanzjarju, għal total ta' EUR 2 723 578.

L-**Anness VI** jipprovdi dettalji tat-trasferimenti kollha ta' appropriazzjonijiet, kif ukoll tal-intestaturi tal-baġit ikkonċernati.

3. IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA 2010 SKONT IL-KAPITOLU

3.1. TITOLU 1 – Persuni marbuta mal-istituzzjoni

Kif turi t-**Tabella VI** hawn taħt, l-ammont definittiv tal-baġit tat-**Titolu 1** għas-sena 2010 jammonta għal EUR 248 514 000 u jirrappreżenta f'tit iktar minn 75 % tal-baġit kollu tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Intużaw madwar EUR 243 614 674,62 minn dawn l-appropriazzjonijiet, jiġifieri rata ta' implementazzjoni ta' 98,03 % li tibqa' għolja ħafna (98,71 % fl-2009).

⁽¹⁾ Kawża Nru 40/2010: rikors għal annullament kontra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009.

Tabella 6

Użu tal-appropriazzjonijiet konnessi mas-sena tal-baġit

(EUR)

Titolu 1	Appropriazzjonijiet għas-sena 2010	Użu tal-appropriazzjonijiet għas-sena 2010	% ta' implementazzjoni
1 0. Membri tal-istituzzjoni	32 267 000,00	30 180 903,86	93,53
1 2. Uffiċjali u membri tal-persunal temporanju	194 718 000,00	192 360 236,34	98,79
1 4. Persunal ieħor u servizzi esterni	16 550 000,00	16 242 289,99	98,14
1 6. Spejjeż oħra li jikkonċernaw il-persuni marbuta mal-istituzzjoni	4 979 000,00	4 831 244,43	97,03
Total	248 514 000,00	243 614 674,62	98,03

3.1.1. Kapitolu 1 0 – Membri tal-istituzzjoni

Intużaw madwar EUR 30 180 903,86 mill-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, li kienu jammontaw għal EUR 32 267 000, jiġifieri rata ta' implementazzjoni ta' 93,53 % (97,12 % fl-2009).

T a' min jinnota li ċerti varjazzjonijiet fl-implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' remunerazzjonijiet tal-Membri huma marbuta mad-differenzi inevitabli bejn ir-rati ta' aġġustament tar-remunerazzjonijiet deċiżi mill-Kunsill u l-ipoteżi kkunsidrati waqt it-tfassil tal-baġit (+ 1,85 % fl-1 ta' Jannar 2010 meta mqabbla ma' previżjoni ta' + 2,1 %, u + 0,01 % fl-1 ta' Lulju 2010 meta mqabla ma' previżjoni ta' + 2,5 %). L-ekonomiji fuq l-appropriazzjonijiet li b'hekk saru kif ukoll il-ħruġ ta' appropriazzjonijiet provviżorji (EUR 386 000) barra minn hekk ippermettew li jsir ħlas eċċezzjonali ta' arretrati tar-remunerazzjonijiet (1,85 %) hekk kif ġie indikat fil-punt 2.2.4.

Barra minn hekk, ċerti ekonomiji fuq l-appropriazzjonijiet, kemmxejn ogħla minn EUR 1 000 000, saru fuq punti tal-baġit marbuta man-nefqa statutorja dwar it-tiġdid tal-mandati tal-Membri tat-tliet Qrati (allowances provviżorji, drittijiet konnessi mad-dħul fis-servizz, trasferiment jew tluq mis-servizz). Differenzi bħal dawn jirriżultaw mill-proċess normali ta' preparazzjoni tal-baġit li jirrikjedi li l-previżjonijiet ta' tiġdid tal-mandat tal-Membri jiġu ppreparati minn ħafna qabel (kważi sena u nofs qabel id-data ta' tiġdid tal-mandat), bi prudenza, filwaqt li t-tiġdid effettiv tal-mandati tal-Membri, sussegwentement, kultant jirriżultaw minn deċiżjonijiet tal-Istati Membri u minn deċiżjonijiet individwali tal-Membri tal-Qorti.

Ebda trasferiment ma sar mill-Kapitolu 1 0 lejn kapitoli oħra tal-baġit fl-2010.

3.1.2. Kapitolu 1 2 – Uffiċjali u membri tal-persunal temporanju

Intużaw madwar EUR 192 360 236,35 mill-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, li kienu jammontaw għal EUR 194 718 000, jiġifieri rata għolja ħafna ta' implementazzjoni ta' 98,79 % (98,96 % fl-2009).

Bħal fl-2009, dawn ir-riżultati tajbin ħafna jibqgħu jkunu l-frott ta' politika ta' reklutaġġ ferm attiva min-naħa tad-dipartimenti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rata ta' impjegati okkupati fi tmiem is-sena 2010 telgħet għal 98 %, ċifra kunsiderevoli jekk wieħed iqis l-effetti tal-bdil normali tal-persunal fir-rigward tat-total tal-impjegati tal-istituzzjoni (1 927 pożizzjoni). Barra minn hekk, għandu jifakkar li, f'kuntest ta' kriżi ekonomika serja, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għamlet ebda sejħa għal impjegat ġdid għas-sena 2010, u matulha intensifikat il-politika tagħha ta' ċaqliq biex b'mod intern tipprovdi għal ċerti bżonnijiet prijoritarji.

Bħal fil-każ tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 1 0, wieħed josserva li ċerti varjazzjonijiet fl-implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet tar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal temporanju fil-Kapitolu 1 2 huma marbuta mad-differenzi inevitabli bejn ir-rati ta' aġġustament tar-remunerazzjonijiet deċiżi mill-Kunsill u l-ipoteżi kkunsidrati waqt it-tfassil tal-baġit (+ 1,85 % fl-1 ta' Jannar 2010 meta mqabbla ma' previżjoni ta' + 2,1 %, u + 0,01 % fl-1 ta' Lulju 2010 meta mqabla ma' previżjoni ta' + 2,5 %).

L-ekonomiji fl-appropriazzjonijiet hekk magħmula, kif ukoll il-ħruġ tal-appropriazzjonijiet provviżorji (EUR 2 380 000), ippermettew li jsir ħlas eċċezzjonali ta' arretrati ta' remunerazzjonijiet (1,85 %) hekk kif inhu indikat fil-punt 2.2.4. Huma ppermettew ukoll li jsir trasferiment ta' EUR 1 000 000 biex jissaħħu l-appropriazzjonijiet tal-punt 1 4 0 6 "Servizzi esterni fil-qasam lingwistiku" fi ħdan il-Kapitolu 1 4.

3.1.3. Kapitolu 1 4 – Persunal u servizzi esterni oħra

B'mod ġenerali, fir-rigward tal-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, intużaw madwar EUR 16 242 289,99 minn ammont ta' EUR 16 550 000, jiġifieri rata ta' implementazzjoni għolja ta' 98,14 % (99,5 % fl-2009).

L-appropriazzjonijiet definittivi tal-Kapitolu 1 4 jirrigwardaw kważi kollha kemm huma żewġ punti tal-baġit. Kważi terz ta' dawn l-appropriazzjonijiet jirrigwarda l-punt 1 4 0 0, "Aġenti oħra", li r-rata ta' implementazzjoni tagħha baqgħet għolja ħafna (fit iktar minn 96 %). Iż-żewġ terzi l-oħra jirrigwardaw il-punt 1 4 0 6 "Servizzi esterni fil-qasam lingwistiku", li r-rata ta' implementazzjoni tagħha hija ta' kważi 100 %.

Għal dan l-aħħar punt, li jkopri kemm is-servizzi esterni ta' traduzzjoni kif ukoll ta' interpretazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja l-miżuri organizzattivi differenti adottati dawn l-aħħar snin mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġu limitati l-bżonnijiet ta' traduzzjoni, il-piż tax-xogħol tat-traduzzjoni żdied b'iktar minn 12 % fl-2010 meta mqabbel mal-2009. Barra minn hekk, u minħabba x-xewqa tal-Qorti tal-Ġustizzja li ma tagħmilx sejħa għal impjegji ġodda fl-2010, kien neċċessarju li jiżdied ir-rikors għal servizzi esterni u li jissaħħu l-appropriazzjonijiet korrispondenti li jammontaw għal EUR 1 000 000 provenjenti mill-Kapitolu 1 2.

3.1.4. Kapitolu 1 6 – Nefqa oħra li tikkonċerna l-persuni marbuta mal-istituzzjoni

Mill-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu ntużaw madwar EUR 4 831 244,43 mill-EUR 4 979 000 disponibbli, jiġifieri rata għolja ta' implementazzjoni ta' 97,03 % (96,97 % fl-2009).

Żewġ punti minn dan il-kapitolu jirrappreżentaw kważi 79 % tal-appropriazzjonijiet definittivi. Dan jirrigwarda l-punt 1 6 1 2 "Taħriġ professjonali", li r-rata ta' implementazzjoni tiegħu baqgħet għolja ħafna (kważi 97 % bħall-fl-2009), u l-punt 1 6 5 4 "Ċentru polivalenti tat-tfal", li r-rata ta' implementazzjoni tagħha hija ta' 100 %.

3.2. TITOLU 2 – Proprjetà immobbli, għamara, apparat u spejjeż operattivi

Kif turi t-**Tabella 7** hawn taħt, l-ammont tal-baġit definittiv tat-**Titolu 2** għas-sena 2010 jilħaq EUR 80 746 000, li huwa fit inqas minn kwart tal-baġit kollu tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Intużaw madwar EUR 80 149 024,44 minn dawn l-appropriazzjonijiet, jiġifieri rata ta' implementazzjoni għolja ħafna ta' 99,26 % (l-istess bħar-rata tal-2009).

Tabella 7

Użu tal-appropriazzjonijiet konnessi mas-sena tal-baġit

Titolu 2	Appropriazzjonijiet għas-sena 2010	Użu tal-appropriazzjonijiet għas-sena 2010	% ta' implementazzjoni
2 0. Proprjetà immobbli u spejjeż relatati	59 350 000,00	59 082 644,75	99,55
2 1. Informatika, apparat u għamara: xiri, kiri u manutenzjoni	15 592 000,00	15 491 884,75	99,36
2 3. Spejjeż ta' hídma amministrattiva kurrenti	2 143 000,00	2 101 661,65	98,07
2 5. Laqgħat u konferenzi	798 000,00	629 948,85	78,94

(EUR)

(EUR)			
Titolu 2	Approprazzjonijiet għas-sena 2010	Użu tal-approprazzjonijiet għas-sena 2010	% ta' implementazzjoni
2.7. Informazzjoni: Akkwist, arkivjar, produzzjoni u pubblikazzjoni	2 863 000,00	2 842 884,44	99,30
Total	80 746 000,00	80 149 024,44	99,26

3.2.1. Kapitolu 2 0 – Proprjetà immobbli u spejjeż relatati

Intużaw daqs EUR 59 082 644,75 jew 99,55 % (99,96 % fl-2009) mill-approprazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu li jammontaw għal EUR 59 350 000.

Wara żieda qawwija f'dawn l-approprazzjonijiet tal-Kapitolu 2 0 bejn l-2008 u l-2009 (+ 33 %) minħabba t-tlestija tal-bini u t-tqegħid fis-servizz tal-kumpless immobbljari tal-Palazz il-ġdid ⁽¹⁾, il-livell ta' dawn l-approprazzjonijiet stabbilizza ruħu meta mqabbel mal-2009 (- 0,6 %).

L-approprazzjonijiet definittivi tal-Artikoli 2 0 0 "Proprjetà immobbli" u 2 0 2 "Spejjeż relatati mal-proprjetà immobbli", jirrappreżentaw rispettivament 77 % (EUR 45 723 000) u 23 % (EUR 13 627 000) tat-total tal-approprazzjonijiet ta' dan il-kapitolu.

Fir-rigward tal-Artikolu 2 0 0 "Proprjetà immobbli", n-nefqa tal-punt 2 0 0 0 "Kirjiet" laħqu EUR 10 841 538 (rata ta' implementazzjoni ta' 100 %) li jikkorrispondu għall-kera ta' erba' binjiet (Allegro, Geos, bâtiment T u bâtiment T bis) li l-użu tagħhom għadu meħtieġ minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-Annessi A, B u C, li bħalissa qed jiġu rinnovati sostanzjalment sabiex isiru konformi mad-diversi standards nazzjonali li daħlu fis-seħħ mill-kostruzzjoni tagħhom (bejn l-1986 u l-1993).

Min-naħa l-oħra, in-nefqa tal-punt 2 0 0 1 "Kiri-Xiri" laħqet kważi EUR 33 miljun (rata ta' implementazzjoni ta' 100 %), u tikkorrispondu prinċipalment għall-pagamenti dovuti sabiex jiġi osservati l-kuntratti konklużi mal-awtoritajiet Lussemburġi għall-bini u għax-xiri tad-diversi binjiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, u b'rieda ta' tmexxija finanzjarja tajba, uħud mill-approprazzjonijiet eċċessivi li nħarġu fuq il-Kapitoli 2 0, 2 1, 2 3 u 2 7 tal-baġit setgħu jiġu allokati għal pagament bil-quddiem sabiex jikkomplementa lil dawk li saru sa mill-2007. Tali tranżazzjoni taqbel perfettament max-xewqat taż-żewġ ferġat tal-awtorità tal-baġit għall-proġetti ta' bini tal-istituzzjonijiet Komunitarji, bil-għan li bl-aħjar mod il-piż futur ta'dawn il-proġetti fuq il-baġit jinżamm minimu.

Fdak li jikkonċerna n-nefqa fuq l-Artikolu 2 0 2 "Spejjeż relatati mal-proprjetà immobbli", din laħqet EUR 13 454 818 (rata ta' implementazzjoni ta' 98,74 %) u tirrigwarda kważi għal kollox l-ispejjeż ta' tindif/manutenzjoni, ta' konsum ta' enerġija u ta' sigurtà/sorveljanza li huma neċessarji għall-amministrazzjoni tajba tal-proprjetà immobbli tal-Qorti tal-Ġustizzja. Wara s-sena 2009 li matulha l-użu tal-binjiet tal-Palazz il-ġdid kien għadu f'fażi inizjali, wieħed jikkonstata li l-miżuri meħuda (regolar/issettjar tal-installazzjonijiet tekniċi, razzjonalizzazzjoni tad-dispożittivi ta' tindif/manutenzjoni u attenzjoni/sigurtà) ippermettew ekonomija tal-approprazzjonijiet li kkontribwew għall-ħlas bil-quddiem indikat fil-paragrafu preċedenti.

3.2.2. Kapitolu 2 1 – Informatika, apparat u għamara

Intużaw madwar EUR 15 491 884,75 tal-approprazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, li jammontaw għal EUR 15 592 000, jew rata għolja ħafna ta' 99,36 % (98,54 % fl-2009).

L-approprazzjonijiet definittivi tal-Kapitolu 2 1, li niżlu b'1,7 % meta mqabbla mal-2009, jirrigwardaw, għal madwar 90 %, l-ispejjeż marbuta mal-informatika u mal-għamara.

⁽¹⁾ Li jinkludi l-Palazz l-Antik rinnovat, l-Anell li jdawwar il-Palazz, żewġ torrijiet għoljin ħafna u anness li jgħaqqad il-bini l-antik mal-ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja.

F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 2 1 0 "Tagħmir, spejjeż għall-operat u servizzi relatati mal-ipproċessar tad-data u t-telekomunikazzjonijiet", u bil-kontra tas-sena 2009, il-Qorti tal-Ġustizzja laħqet mal-bżonnijiet tagħha ta' xiri ta' materjal, manutenzjoni tal-installazzjonijiet u żvilupp ta' applikazzjonijiet fil-qasam tal-informatika u tat-telekomunikazzjonijiet mingħajr ebda tisħiħ tal-appropriazzjonijiet. Fid-dawl tal-importanza tal-park informatiku tagħha u tal-applikazzjonijiet speċjalizzati li l-manutenzjoni tagħhom hija neċessarja għall-ħidma t-tajba tal-attività għudizzjarja, dan ir-riżultat seta' jinkiseb biss, minn naħa, permezz tal-vantaġġi ta' kooperazzjoni interistituzzjonali possibbli kemm jista' jkun u, min-naħa l-oħra, permezz ta' għażliet iktar selettivi fir-rigward ta' żviluppi ġodda.

Għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 2 1 2 "Għamara", l-appropriazzjonijiet li ġew ivvutati għal dan l-Artikolu ntużaw 100 %. Dawn l-appropriazzjonijiet ġew allokati, kif previst, għax-xiri ta' għamara addizzjonali kif ukoll għal tiġdid ta' parti mill-għamara (akkwistata iktar minn 15-il sena ilu).

3.2.3. Kapitolu 2 3 – Nefqa ta' ħidma amministrattiva kurrenti

Intużaw madwar EUR 2 101 661,65, jew 98,07 % (88,18 % fl-2009) mill-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, li jammontaw għal EUR 2 143 000.

L-appropriazzjonijiet definittivi tal-Kapitolu 2 1, li niżlu b'1,7 % meta mqabbla mal-2009, jirrigwardaw, għal iktar minn 78 %, iż-żewġ tipi ta' nefqa li ġejjin:

- in-nefqa tal-Artikolu 2 3 0 "Kartolerija, provvista għall-uffiċċji u diversi oġġetti oħra għal konsum", li laħqet EUR 985 261 (rata ta' implementazzjoni ta' 99,93 % meta mqabbla ma' 80,75 % fl-2009);
- in-nefqa tal-Artikolu 2 3 6 "Posta", li laħqet EUR 692 000 (rata ta' implementazzjoni ta' 100 % meta mqabbla ma' 95,22 % fl-2009).

Ekonomiji kbar ta' appropriazzjonijiet diġà saru dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari fir-rigward tal-karti, minħabba l-użu, dejjem ikbar, ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni fi ħdan l-istituzzjoni. It-tnaqqis huwa għaldaqstant inqas qawwi fl-2010 iżda xorta waħda EUR 25 000 setgħu jiġu lliberati u ttrasferiti fil-punt 2 0 0 1 "Kiri-Xiri".

Min-naħa l-oħra, il-baġit intiż għall-posta ħtieġ tisħiħ ta' EUR 71 000 minħabba ż-żieda, ikbar milli prevista, kemm tat-tariffi postali kif ukoll tal-volum ta' posta li kellha tintbagħat (b'mod partikolari l-posta rreġistrata direttament marbuta maż-żieda fin-numru kbir tal-kawżi pproċessati mill-Qorti tal-Ġustizzja).

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 2 3 8 jinkludi baġit relattivament limitat biex tiġi ffavorita politika ta' mobbiltà tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispetta iktar l-ambjent kemm biex dan imur ix-xogħol kif ukoll biex jiċċaqtaq bejn id-diversi binjiet tal-istituzzjoni. Dan il-baġit kellu jissaħħa b'EUR 45 000, skont il-kuntratt konkluż mal-Belt tal-Lussemburgu, minħabba n-numru ikbar minn dak previst ta' utenti tan-netwerk ta' karożżi tal-linja urbani.

3.2.4. Kapitolu 2 5 – Laqgħat u konferenzi

Intużaw madwar EUR 629 948,85, jew 78,94 % (93,28 % fl-2009) mill-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, li jammontaw għal EUR 798 000.

Dawn l-appropriazzjonijiet, fil-biċċa l-kbira, huma ddedikati għall-ispejjeż marbuta mal-attività protokollari tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mal-ispejjeż iddedikati għaż-żjarat lill-istituzzjoni.

Matul is-sena 2010, l-attività protokollari kienet immarkata b'sensiela ta' avvenimenti ta' importanza:

- Numru ta' udjenzi solenni, fosthom b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-ġurament solenni tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni li daħlu fil-kariga fi tmiem l-2009, tal-Membri tal-Qorti tal-Awdituri li daħlu fil-kariga matul l-2010 u tal-Membri tal-Qorti Ġenerali fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali li sar f'Ottubru 2010;
- Laqgħa ta' diskussjoni fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju tal-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Fir-rigward taż-żjarat lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-organizzazzjoni tagħhom tissodisfa l-ħtieġa li tiġi żgurata informazzjoni aħjar dwar l-istituzzjoni ġudizzjarja u l-ġurisprudenza tal-Unjoni Ewropea fost dawk li jipprattikaw il-liġi u l-istudenti tal-liġi. Permezz tal-organizzazzjoni ta' laqgħat mal-membri tal-ġudikatura nazzjonali (laqgħat u seminars), il-Qorti tal-Ġustizzja tkompli ssegwi l-għan, minn naħa, li tiffamiljarizza lill-imħallfin nazzjonali ma' kif taħdem l-istituzzjoni, mal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u mal-prattika tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, u min-naħa l-oħra, sabiex tipprovdi lill-membri tal-ġudikatura nazzjonali "forum" li jippermettilhom jiltaqgħu.

Peress li l-previżjonijiet tal-baġit għal dawn it-tipi ta' attività huma fin-natura tagħhom iktar inċerti, l-iktar livell baxx ta' attività kkonstatat fl-2010 jispjega r-rata minima ta' implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet meta mqabbla mal-2009.

3.2.5. Kapitolu 2 7 – Informazzjoni: akkwist, arkivjar, produzzjoni u pubblikazzjoni

Intużaw madwar EUR 2 842 884,44, jew 99,3 % (99,22 % fl-2009) mill-appropriazzjonijiet definittivi ta' dan il-kapitolu, li jammontaw għal EUR 2 863 000.

L-appropriazzjonijiet ta' dan il-kapitolu huma allokati għal żewġ tipi ta' nefqa, li jikkontribwixxu b'mod sħiħ għall-attività ġudizzjarja:

- in-nefqa tal-Artikolu 2 7 2 "Spejjeż ta' dokumentazzjoni, ta' biblijoteka u ta' arkivjar", li laqgħet EUR 1 162 884 (rata ta' implementazzjoni ta' 100 %). Għandu jifakkar li minkejja li din in-nefqa tikkostitwixxi investiment indispensabbli għat-tmexxija tajba tat-tlett iqrati u tad-dipartimenti tal-istituzzjoni, l-ammont tal-appropriazzjonijiet kien ġie volontarjament iffriżat għal-livell tal-2009;
- in-nefqa tal-Artikolu 2 7 4 "Produzzjoni u pubblikazzjoni", li laqgħet EUR 1 680 000 (rata ta' implementazzjoni ta' 100 %). Din in-nefqa essenzjalment tagħti kontribut għat-tixrid fost il-pubbliku tas-sentenzi u tal-konklużjonijiet kif ukoll tal-ġabra tal-ġurisprudenza tat-tlett iqrati. It-tnaqqis tal-livell tal-appropriazzjonijiet meta mqabbla mal-2009 huwa kbir (kważi 28 %) u dan jispjega ruħu essenzjalment bil-kundizzjonijiet ferm iktar vantaġġużi tal-kuntratti l-ġodda li jikkonċernaw il-pubblikazzjoni tal-Ġurnal uffiċjali konklużi mill-Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet. Barra minn hekk, l-appropriazzjonijiet żejda ppermettew li jissaħħu ċerti intestaturi tal-Kapitolu 2 0 (punt 2 0 0 1) u 2 3 (Artikoli 2 3 6 u 2 3 8).

3.3. TITOLU 3 – Nefqa ta' missjonijiet speċifiċi tal-Istituzzjoni

Kapitolu 3 7 – Nefqa partikolari ta' ċerti istituzzjonijiet u ta' ċerti korpi

L-ammont definittiv tal-baġit tat-*Titolu 3* jinkludi biss l-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 3 7 għall-punt 3 7 1 0 "Spejjeż ġudizzjarji". Għas-sena 2010, dawn l-appropriazzjonijiet ammontaw għal EUR 40 000 u nutużaw madwar EUR 20 522,25, jiġifieri rata ta' implementazzjoni ta' 51,3 % (78,58 % fl-2009).

Dawn jirrigwardaw spejjeż, li għalihom hija responsabbli l-istituzzjoni, imwettqa fil-kuntest tal-assistenza ġudizzjarja b'xejn, li jkopru l-onorarji ta' avukati u spejjeż oħra. Il-previżjoni tagħhom hija tassew diffiċli għar-raġuni ta' implementazzjoni tal-baġit li tvarja ħafna skont is-snin.

3.4. TITOLU 10 – Nefqa oħra

Kapitolu 10 0 – Approprjazzjonijiet provviżorji

L-ammont inizjali tal-baġit ta' EUR 485 700 jikkorrispondi għal 5 % tal-ammont annwali tal-appropriazzjonijiet ta' servizzi ta' traduzzjoni esterna mqiegħda f'riżerva matul il-proċedura tal-baġit għall-2010. Fil-fatt, il-Parlament Ewropew kien ivvota emenda trażversali għal numru ta' istituzzjonijiet Ewropej fl-istennija ta' tfassil ta' rapport speċifiku fuq il-kollaborazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tat-traduzzjoni. Din ir-riżerva ġiet illiberata fil-bidu ta' Lulju 2010 permezz tat-trasferiment tal-ammont imsemmi iktar 'il fuq fil-punt 1 4 0 6 "Servizzi esterni fil-qasam lingwistiku".

ANNEX I

Paragun skont il-kapitolu tal-implementazzjoni tad-dħul tal-2010 mad-dħul tal-2009

(EUR)					
